DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2021/1824

tat-18 ta' Ottubru 2021

li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2020/1515 li tistabbilixxi Kulleġġ Ewropew ta' Sigurtà u ta' Difiża (KESD)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 28(1) u 42(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fid-19 ta' Ottubru 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2020/1515 ([1]), li tistabbilixxi Kulleġġ Ewropew ta' Sigurtà u ta' Difiża (KESD).

(2) Jenħtieġ li jiġi stabbilit ammont ta' referenza finanzjarja ġdid għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2022 sal-31 ta' Diċembru 2022.

(3) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2020/1515 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Artikolu 16(2) tad-Deċiżjoni (PESK) 2020/1515 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa tal-KESD matul il-perijodu mill-1 ta' Jannar 2022 sal-31 ta' Diċembru 2022 għandu jkun ta' EUR 1 975 752,04.

L-ammont ta' referenza finanzjarja biex ikopri n-nefqa tal-KESD għal perijodi sussegwenti għandu jiġi deċiż mill-Kunsill.'.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, it-18 ta' Ottubru 2021.

Għall-Kunsill
Il-President
J. BORRELL FONTELLES

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/1515 tad-19 ta' Ottubru 2020 li tistabbilixxi Kulleġġ Ewropew ta' Sigurtà u ta' Difiża, u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2016/2382 (ĠU L 348, 20.10.2020, p. 1).